32001R1455

L 198/58 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 21.7.2001

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1455/2001

## tat-28 ta' Ġunju 2001

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1254/1999 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1])

Billi:

(1) Biex tingħata għajnuna ħalli t-trobbija tradizzjonali tal-bhejjem ta' l-ifrat tkun tista' tinżamm, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1452/2001 ([2]), (KE) Nru 1453/2001 ([3]) u (KE) Nru 1454/2001 ([4]), li jintroduċu miżuri speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli għad-dipartimenti ta' barra minn Franza, l-Azores u Madeira u l-Gżejjer Kanarji, jipprovdu rispettivament għall-introduzzjoni ta' limiti speċifiċi fuq in-numru ta' bhejjem li jikkwalifikaw għal premja speċjali, il-premja fuq il-baqar ta' rdigħ kif ukoll dawk fuq il-qatla.

(2) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1254/1999 ([5]) jistabbilixxi limiti reġjonali għal kull Stat Membru rigward il-premja speċjali. L-Anness II għal dak ir-Regolament jistabbilixxi limiti nazzjonali dwar il-premja fuq il-baqar tar-rdigħ. Dawk il-limiti m'għandhomx jeffettwaw l-introduzzjoni tal-limiti speċifiċi msemmija fuq. Bħala konsegwenza għandu jiġi stipulat minn issa li fil-każ ta' Franza, il-Portugall u Spanja dawk il-limiti għandhom jinkludu sub-limiti bbażati fuq l-għadd ta' premja mħallsa għal sena ta' referenza lill-produtturi fid-dipartimenti li hemm barra minn Franza, l-Azores u l-Madeira u l-Gżejjer Kanarji u li dawn huma maħsuba esklussivament għall-produtturi f'dawk ir-reġjuni. Il-bhejjem l-oħra li jikkwalifikaw u li jiffurmaw il-limiti speċifiċi għall-premja speċjali u l-premja fuq il-baqar tar-rdigħ introdotti bir-Regolamenti (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001 u (KE) Nru 1454/2001 għandhom jiżdiedu ma' dawk li hemm fl-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1254/1999 qed jiġi hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Anness I għandu jinbidel bit-test li hemm fl-Anness I ma' dan;
2. L-Anness II għandu jinbidel bit-test li hemm fl-Anness II ma' dan.

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-28 ta' Ġunju 2001.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ROSENGREN

([1]) Opinjoni moghtija nhar l-14 ta' Ġunju 2001 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).),
([2]) Ara l-paġna 11 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([3]) Ara l-paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([4]) Ara l-paġna 45 ta' dan il-Ġunral Uffiċjali.
([5]) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.

*L-ANNESS I*

## *PREMIUM* SPEĊJALI

### Limiti reġjonali ta' l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | 235 149 |
| Id-Danimarka | 277 110 |
| Il-Ġermanja | 1 782 700 |
| Il-Greċja | 143 134 |
| Spanja | 713 999 ([1]) |
| Franza | 1 754 732 ([2]) |
| L-Irlanda | 1 077 458 |
| L-Italja | 598 746 |
| Il-Lussemburgu | 18 962 |
| L-Olanda | 157 932 |
| L-Awstrija | 423 400 |
| Il-Portugall | 175 075 ([3]) |
| Il-Finlandja | 250 000 |
| L-Isvezja | 250 000 |
| Ir-Renju Unit | 1 419 811 ([4]) |

([1]) Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1454/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jintroduċi miæuri speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli għall-Gæejjer Kanarji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1601/92 (Poseican) (ara p. 45 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1452/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jintroduċi miæuri speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli għad-dipartimenti li hemm barra minn Franza, li jemenda d-Direttiva 72/462/KEE u jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 525/77 u (KEE) Nru 3763/91 (Poseidom) (ara p. 11. ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1453/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jintroduċi miæuri speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli għall-Azores u l-Madeira u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1600/92 (Poseima) (ara p. 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
Eskluæ il-programm ta' l-estensifikazzjoni previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1017/94 tas-26 ta' April 1994 li jikkonċerna l-konveræjoni ta' art li bħalissa qed tiġi kkultivata għal waħda tajba għat-trobbija estensiva tal-bhejjem fil-Portugall (ĠU L 112, tat-3.5.1994, p. 2). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1461/95 (ĠU L 144, tat-28.6.1995, p. 4).

([4]) Dan il-limitu għandu jiædied temporanjament b'100 000 ras għal 1 519 811 ras sa dak iæ-æmien li bhejjem ħajjin li jkollhom anqas minn sitt xhur ikunu jistgħu jiġu esportati.

*L-ANNESS II*

**IL-*PREMIUM* FUQ IL-BAQAR TAR-RDIGĦ**

**Il-limiti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999 lijgħoddu mill-1 ta' Jannar 2000**

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | 394 253 |
| Id-Danimarka | 112 932 |
| Il-Ġermanja | 639 535 |
| Il-Greċja | 138 005 |
| Spanja ([1]) | 1 441 539 |
| Franza ([2]) | 3 779 866 |
| L-Irlanda | 1 102 620 |
| L-Italja | 621 611 |
| Il-Lussemburgu | 18 537 |
| L-Olanda | 63 236 |
| L-Awstrija | 325 000 |
| Il-Portugall ([3]) | 277 539 |
| Il-Finlandja | 55 000 |
| L-Isvezja | 155 000 |
| Ir-Renju Unit | 1 699 511 |

([1]) Eskluż il-limitu speċifiku previst fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1454/2001 u r-riserva speċifika prevista fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1017/94.
([2]) Eskluż il-limitu speċifiku previst fl-Artikolu 9(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1452/2001.
([3]) (Eskluż il-limitu speċifiku previst fl-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 22(3) rispettivament tar-Regolament (KE) Nru 1453/2001.